MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 211/2012

**DIS Equipment Rental Limited (C45248)**

**Vs**

1. **Rose Investments Limited (C38536)**
2. **Marcarm Services Co. Limited (C8005)**
3. **Mario u Carmen konjugi Spiteri (KI781643M u 538047M rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ rikorrenti talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex m’ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu s-somma ta’ hamest elef, seba’ mija u wiehed u erbghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€5,741.78) bilanc ta’ ammont akbar dovut lis-socjeta’ rikorrenti, u dan kif jirrizulta wkoll mill-iskrittura tat-18 ta’ Lulju, 2011 annessa u mmarkata bhala “Dok A”.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjetajiet konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat l-imsemmi Dok A (a fol 2 u fol 3 tal-atti).

Semghet lill-konvenut Mario Spiteri jammetti, f'ismu, f'isem martu u f'isem is-socjeta' Marcarm Services Co. Limited, it-talbiet attrici skont kif jidher mill-verbal tas-seduta tallum stess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta tallum stess deher u xehed Daniel Farrugia, ghan-nom tas-socjeta' attrici u dan, taht gurament, ikkonferma il-kontenut tar-rikors promotur kif ukoll stqarr li mill-ammont mitlub fl-istess rikors, sallum ma thallas xejn u dan kollu taht gurament.

Illi, inoltre, il-konvenut, kif hawn fuq premess, ammetta t-talbiet attrici f'ismu, f'isem martu u f'isem is-socjeta' "Marcarm Services Co. Limited".

**Ikkunsidrat**

Illi skont il-ftehim esebit in atti a fol 2 u fol 3 u markat Dok A id-debitu in esami ghandu jkun "flimkien u 'in solidum'" bejn l-intimati kollha u l-imghax pagabbli ghandu jkun ta' hamsa fil-mija (5%).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet rikorrenti u tikkundanna lill-intimati kollha, "in solidum" bejniethom sabiex jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hamest elef, seba' mija wiehed u erbghin ewro, tmienja u sebghin centezmu (€5,741.78) bl-imghax legali bil-5% mit-18 ta' Lulju, 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------